MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 715/2002/1

**Angelo Spiteri**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Gunju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-25 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Thallas l-ammont ta' erbat elef disa' mija u disgha u disghin Lira Maltin (LM4,999.00,0) jew somma verjuri li jirrapprezenta l-prezz tal-ispeedboat tat-tip speedcraft bin-numru tar-registrazzjoni 14393 u magna outboard tat-tip Mercury 150HP proprjeta' tal-attur liema bcejjec tal-bahar insterqu u huma koperti bil-polza ta' assikurazzjoni li l-attur ghandu mal-konvenut u li skond l-istess polza l-konvenut huwa dovut ihallas, rizultat tas-serq, liema konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas minkejja li kien interpellat diversi drabi;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali u l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li ma sehh ebda incident li ghalih ghandha taghmel tajjeb is-socjeta' eccipjenti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu respinti stante li l-imsemmija speed-boat ma kinitx qed tinzamm fil-lok indikat mill-attur fil-proposal form li abbazi taghha harget il-polza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont indikat bhala valur tal-bcejjec tal-bahar allegatament misruqa huwa esagerat u ma jirriflettix il-valur reali ta' l-istess bcejjec;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti inkluzi in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u r-risposta ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur kien proprjetarju ta' "speedboat" meritu tal-procedura odjerna, b'mutur ta' 150 "horsepower";

2. Illi l-istess attur kien inxurja l-istess "speedboat" mas-socjeta' attrici u dan, skond il-kondizzjonijiet pattwiti, (ara fol 25 et seq);

3. Illi l-attur kien jorbot l-istess "speedboat" fil-bajja ta' San Tumas;

4. Illi sussegwentement insterqet u l-attur irrapporta l-ghejbien taghha kemm mal-Pulizija u mas-socjeta' attrici;

5. Illi l-attur istitwixxa din il-procedura in vista tal-"insurance" fuq l-istess "speedboat";

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk il-vertenza odjerna ssib ir-risoluzzjoni taghha fl-istess polza ta' assikurazzjoni ta' l-attur;

Illi in sintesi din l-assikurazzjoni kienet tistipula li l-attur kien obbligat jorbot l-istess "speedboat" fil-bajja ta' Marsascala faccata tal-Knisja u m'hux f'din tal-bajja ta' San Tumas fejn allegatament kienet meta giet misruqa;

Ikkunsidrat:

Illi, stante li l-attur ma ottemperax ruhu ma' din il-kondizzjoni minnu pattwita mas-socjeta' konvenuta, din ta' l-ahhar qed tikkontesta t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-attur ma ottemperax ruhu mal-polza assikurattiva hija debitament ipprovata stante li jirrizulta assodat ex admissis mill-istess attur li hu kien jorbot id-dghajsa de quo f'post mhux kopert bl-assikurazzjoni opportuna;

Illi konsegwentement it-talbiet attrici huma privi mill-fondament guridiku li seta' jsostnihom;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tichad l-istess talbiet u takkolji l-eccezzjonijiet sollevati bl-ispejjez kontra l-attur."

L-aggravji ta' l-attur appellant fil-konfront ta' din is-sentenza, li taghha talab ir-revoka, jikkonsistu fis-segwenti:-

1. Il-bajja ta' Marsaskala fejn kellha tinzamm id-dghajsa assikurata tinkludi wkoll il-bajja ta' San Tumas u li konsegwentement il-polza tal-assigurazzjoni kellha tirrispondi ghat-telf subit bil-fatt tas-serq tal-istess dghajsa;

2. F'kull kaz, jikkontendi, li hu kien informa lill-agent tas-socjeta` konvenuta, li hu jikkwalifikah bhala l-"lunga manus" tal-istess socjeta` assiguratrici, li kien qed jormeggja d-dghajsa fil-bajja ta' San Tumas. F'dan il-kuntest jikkritika lill-ewwel Qorti li skartat din il-prova.

Hu dottrinalment ricevut illi in linea generali l-ftehim ta' assigurazzjoni jaf il-bidu tieghu lid-dokument li kif inhu maghruf mill-istess nomenklatura tieghu jkun jikkontjieni proposta da parte tal-persuna li tkun trid tassigura li trid tidhol f'rapport ta' assigurazzjoni. Proposta din li una volta accettata mill-assiguratur tipperfezzjona l-kuntratt u tikkreja l-vinkolu kontrattwali. "This proposal indicates the basis upon which the proposer is prepared to contract and it is up to the insurer to decide whether to provide cover, and if so, at what premium" – **Ivamy** ("General Principles of Insurance, 4th Ed. 1979, pagna 107).

Il-proposta, u l-accettazzjoni taghha, jikkrejaw il-'consensus ad idem' u hu proprju ghalhekk illi l-kuntratt in

ispecje hu meqjus bhala wiehed ta' "uberrimae fidae" u l-kontraenti ghandhom ikunu bil-massima bona fede meta jiffirmawh.

In konsegwenza ta' dawn il-principji hu ormai ben saldat fil-gurisprudenza illi "l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalji li jigu mistoqsija lilu espressament fil-"proposal form" ("**Kollez Vol. XLVI pII p656**). Dan anke ghaliex il-proposal form hija ritenuta bhala parti integrali tal-polza ta' l-assigurazzjoni u, kwindi, dikjarazzjoni falza maghmula fil-formola hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" (**Kollez Vol XXXVI pIII p610**).

Dan ifisser necessarjament illi jekk jirrizulta li l-informazzjoni kontenuta fil-proposal form kienet mankanti fl-elementi materjali taghha, tali mankanza kienet tintolaha lis-socjeta` assiguratrici biex tiddekreta l-"avoidence" tal-polza. Ara "**Salvu Briffa –vs- Walter Camilleri noe**", Appell, 9 ta' Frar 2001.

Fil-kaz in diskussjoni l-attur iddikjara expressis fil-Proposal Form (fol 29) illi l-'boat' ser tkun ormeggjata fil-bajja ta' M'Scala faccata tal-knisja u meta ma tkunx 'afloat' titqieghed f'garage f'St. Thomas Bay. Irrizulta li meta allegatament insterqet, din id-dghajsa kienet ormeggjata f'din l-ahhar bajja, u ghalhekk konsegwentement is-socjeta` konvenuta qed tirripudja l-ftehim fuq il-bazi li d-dikjarazzjoni espressa fil-Proposal Form ma kienetx tikkorrispondi ghall-verita`. In succint, ix-xhud Jason Vassallo (fol 19 u 34) prodott mis-socjeta` konvenuta jsostni illi d-dettal preciz tal-post kien fattur importanti ghall-assigurazzjoni li ma kienetx tassigura r-riskju kieku d-dghajsa kienet ser tithalla fil-bajja ta' San Tumas.

L-attur appellanti issa qed jippretendi in sede appell illi ma hemmx differenza bejn iz-zewg bajjiet. Dan biex speci jiddemostra illi r-referenza ghal bajja wahda tikkomprendi wkoll 'mutatis mutandis' referenza ghall-ohra. Issa apparti l-fatt illi din il-materja qatt ma ivventilha quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti difficilment tista' taccetta illi topografikament iz-zewg bajjiet huma ekwipollenti ghal xulxin. Anke kieku, pero`, u ghall-grazzja tal-argoment,

dan kien hekk il-kaz, dan il-fatt ma jservih ghal xejn jekk, kif inhu l-kaz, hu ghamel dikjarazzjoni fil-Proposal Form li ma kienetx vera fl-ambitu tal-fatti rilevanti li ma ssemmewx. Ara "**Candogianis –vs- Guardian Assurance Co. Ltd**", Judicial Committee of the Privy Council, 1921.

L-ewwel aggravju qieghed allura jigi respint.

It-tieni aggravju huwa sostanzjalment bla ebda fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Ibda biex l-allegazzjoni tal-attur appellant li hu gharraf lill-agent tas-socjeta` assiguratrici konvenuta illi kien biddel il-hsieb dwar il-bajja fejn kien ser jormeggja l-boat – li incidentalment, ukoll tinnewtralizza u tirrendi fieragh l-aggravju l-ohra minnu sostenut illi l-bajja l-wahda tinkludi l-bajja l-ohra – ma gietx minnu adegwatament sostenuta jew korroborata anke ghaliex hu naqas li jharrek lill-agent biex dan jaghti fidi lil din il-versjoni tieghu. F'kull kaz kien jinkombi fuqu li jaccerta ruhu li dan it-taghrif ingieb debitament a konjizzjoni tas-socjeta` assiguratrici. Minn dan kollu jidher li ma ghamel xejn u ghalhekk "imputet sibi".

In tema tad-dritt, imbaghad, dak ritenut mill-appellant illi l-agent huwa l-mandatarju jew 'lunga manus' tas-socjeta` konvenuta huwa guridikament fallaci.

Huwa pacifikament akkolt kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza illi "in all matters relating to the placing of insurance of whatever kind, the insurance broker is the agent of the assured and of the assured alone. If as a matter of convenience he (the insurance agent) fills the proposal form he is acting as agent for the proposer" – **Charlesworth** ("Mercantile Law", 1984, p913 et seq; "**Lawrence Azzopardi et –vs- Joseph Muscat**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997.

Fuq l-istregwa tal-kazistika Ingliza dan il-punt gie elaborat ukoll fis-sentenzi riportati a **Vol XXXVI pIII p610** u **Vol L pIII p590**.

In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula tirrizulta gustifikata l-eccezzjoni tas-socjeta` assiguratrici konvenuta fis-sens illi l-assigurazzjoni ma hijiex tenuta tirrizarcixxi lill-attur appellant ghat-telf allegatament subit. B’konsegwenza mhux il-kaz li din il-Qorti tiddisturba r-ragonament u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------